MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2569/2002

**Touring Mediterraneo Ltd.**

**vs**

**Dino Fino**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u ghaxar liri u tmienja u tletin centezmu (Lm610.38) (Dok TM 1) rapprezentanti bilanc minn somma aktar mill-konvenut dovut ghal xiri ta' biljetti ta' l-ajru u servizzi ohra lilu pprovduti (Dok. TM 2 u Dok TM 3).**
**Bl-ispejjez u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra illi fit-23 ta' Settembru, 2003 id-difensur tal-konvenut eccepixxa illi l-ammont indikat mhux kollu dovut peress illi sar pagament, u li qatt ma gie nterpellat biex ihallas qabel ma saret il-kawza u ghalhekk ipprotesta ruhu ghall-ispejjez u l-interessi.**

**Semgha x-xhieda ta' Dino Fino, Alexander Eminyan. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir ghal hlas ta' biljetti ta' l-ajru u servizzi ohra provduti lill-konvenut mis-socjeta' attrici. It-Tribunal beda biex sema' lill-konvenut in vista ta' l-eccezzjoni moghtija dwar il-pagament.**

**2. Il-konvenut li hu direttur tal-kumpanija Buon Café Limited ighid illi fuq l-invoice numru 20161 li kienet fl-ammont ta' sitt mija u hamsa u tmenin lira (Lm685.00) kien thallas depozitu ta' tlett mitt lira (Lm300) u kien baqa' biss bilanc ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira (Lm385). F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota illi l-imsemmija invoice kienet ghall-ammont li qed isemmi l-konvenut u mhux ghall-ammont indikat mis-socjeta' attrici fid-Dok TM 1 cioe' l-ammont ta' sitt mija disa' u disghin lira u ghoxrin centezmu (Lm699.20). Jidher li hemm qbil dwar li kien hemm hlas ta' tlett mitt lira depozitu (Lm300).**

**3. Dwar l-invoice numru 20327 fl-ammont ta' tlett mija u tletin lira (Lm330) Dok TM 3 li ghal xi raguni s-socjeta' attrici ndikat fl-ammont ta' tlett mija u seba' u tletin lira (Lm337), il-konvenut ighid li kien hallas mitejn u hamsin (Lm250.00) u b'hekk baqa' bilanc ta' tmenin lira (Lm80.00) fuq din l-invoice. Skond il-konvenut fit-28 ta' April, 2003 hallashom erba' mija hamsa u sittin lira (Lm465). Ma rrizultax illi dan ic-cheque ta' l-ahhar issarraf.**

**4. Alexander Eminyan direttur tas-socjeta' attrici jghid illi l-konvenut kien inghata discount fuq l-invoices fuq ftehim li l-hlas isir fi zmien tletin jum. L-istess attur ikkonferma li c-cheque ta' erba' mija u sittin lira (Lm460.00) ma ssarrafx.**

**5. It-Tribunal iqis gusta t-talba ta' l-atturi pero' mhux fl-ammont reklamat. It-Tribunal qed iqis li l-pagament ta' tlett mitt lira (Lm300) sar fuq l-invoice 20161. B'hekk jigi illi sas-17 ta' Novembru, 2000 kien hemm dovuti imghaxijiet fl-ammont ta' seba' u ghoxrin lira u seba' u erbghin centezmu (Lm27.47) filwaqt illi mis-17 ta' Novembru, 2000 sad-data tal-prezentata ta' l-avviz hemm dovuti wkoll imghaxijet ohra fl-ammont ta' disa' u hamsin lira u sitta u hamsin centezmi (Lm59.56). Bhala total ta' imghaxijiet fuq dina l-invoice jigi illi hemm dovut l-ammont ta' seba' u tmenin lira u tlett centezmi (Lm87.03).**

**6. Dwar l-invoice 202327 dovuta fit-28 ta' Gunju, 2000 jekk wiehed iqis li fuqha thallas l-ammont ta' mitejn u hamsin lira fit-12 ta' Frar, 2001 jigi li fadal bilanc fuq din l-invoice ta' seba' u tmenin lira (Lm87) flimkien ma' imghax fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm28.73).**

**7. Ghalhekk l-ammont dovut lill-attur huwa ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira (Lm385) bilanc mill-invoice 20161 piu' seba' u tmenin lira u tlett centezmi (L m87.03) imghax sad-data tal-prezentata ta' l-avviz, kif ukoll seba' u tmenin lira (Lm87) bilanc fuq l-invoice numru 20327 flimkien ma' tmienja u ghoxrin lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm28.73) imghax. Dawn b'kollox igibu total ta' hames mija seba' u tmenin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm587.76).**

**8. It-Tribunal qed jikkunsidra wkoll il-fatt li gie offrut pagament fil-mori tal-kawza u liema pagament kien fl-ammont ta' erba' mija u sittin lira (Lm460.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' hames mija seba' u tmenin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm587.76) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija seba' u tmenin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm587.76), bl-imghaxijiet dekorribbli mill-25 ta' Ottubru, 2002.**

**Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------